MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 152/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**David Ellul Lanfranco**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra David Ellul Lanfranco, bin Louis u Mary nee Cuschieri, imwieled fid-9 ta' Gunju 1984, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 283884M talli fit-12 ta' Mejju 2008 ghall-habta tad-disgha neqsin kwart ta' filghaxija (20.45hrs) naqas milli jhares kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Mag. Dott. D. Clarke) fid-digriet taghha li bih taghtu l-helsien mill-arrest taht garanzija; il-qorti kienet ukoll mitluba sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imputat kif ukoll tarresta mill-gdid lill-imputat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Mejju 2008 li permezz taghha dik il-qorti, fuq ammissjoni

ta’ l-imputat (illum appellant), sabitu hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, ikkundannatu multa ta’ tmien mitt ewro (Euro800), u rrevokat il-helsien mill-arrest ta’ l-imputat;

Rat it-talba ta’ l-imsemmi David Ellul Lanfranco ghas-sospensjoni ta’ l-ezekuzzjoni ta’ l-imsemmija sentenza, maghmula w akkordata fl-istess gurnata, cioe` fit-13 ta’ Mejju 2008;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi David Ellul Lanfranco, minnu pprezentat fit-22 ta’ Mejju 2008, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-5 ta’ Settembru 2008; ikkunsidrat:

Ghalkemm l-appellant, fit-talba tieghu, qed jitlob li jigi liberat mill-imputazzjoni u huwa sussidjarjament biss li huwa qed jitlob ir-riforma kwantu ghall-piena, l-aggravji migjuba fir-rikors huma diretti biss lejn il-piena inflitta. Huma biss dawn l-aggravji li din il-Qorti tista’ tiehu in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta’ dana l-appell. Hekk, l-ewwel aggravju jghid hekk:

**“li l-qorti ma qiesitx ic-cirkostanzi tal-kaz u mponiet sentenza harxa fejn barra l-multa imponiet ir-revoka mill-helsien [recte: tal-helsien] mill-arrest liema piena ma hix kontemplata fil-ligi, u dan peress li l-istess artikolu tal-ligi l-artikolu 579(2)** *(sic!).***”**

Dana l-aggravju, kif redatt, huwa wiehed fieragh. Apparti li mill-istess stqarrija ta’ l-appellant, allura imputat, huwa evidenti li huwa nstab barra minn daru (meta suppost kien taht l-hekk imsejjah *house arrest*) mhux ghal xi raguni valida jew impellenti – kieku kien verament tant mugugh minhabba darsa u ried imur l-isptar halli jaqlaghha bil-lejl, seta’ facilment cempel l-ghassa jew lill-ispettur tal-pulizija biex ghall-anqas jinfurmah bl-emergenza – din il-Qorti ma tistax tifhem kif ir-revoka tal-helsien mill-arrest “ma hix kontemplata fil-ligi”. Is-subartikolu (3) ta’ l-Artikolu 579 tal-

Kap. 9 kjarament jiddisponi li meta persuna titressaq taht arrest akkuzata li kisret kundizzjoni tal-*bail*, il-pulizija tista' titlob ir-revoka tal-helsien mill-arrest bil-konsegwenti arrest mill-gdid ta' dik il-persuna. Hekk ghamlu l-ispetturi Taliana u Sant f'dan il-kaz, u l-ewwel qorti korrettement laqghet it-talba taghhom ghax kjarament f'dan il-kaz ma kienx japplika l-proviso tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 579. Dan l-aggravju, ghalhekk huwa respint.

It-tieni aggravju, pedissekwu ghall-ewwel wiehed, hu li l-ewwel qorti imponiet piena eccessiva, tenut kont ta' l-"ammissjoni bikrija" ta' l-appellant. Din il-Qorti, pero`, tosserva li, apparti li l-appellant, la quddiem l-ewwel qorti u anqas quddiem din il-Qorti, ma gab xi raguni konvincenti ghala kien barra minn daru meta suppost kien rinkazat, huwa ghandu fedina penali li turi karattru altament refrattarju. Mid-diversi inkontri ravvicinati li l-appellant kellu mal-gustizzja qabel il-kaz li fih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija li ghalih jirreferu l-proceduri odjerni, huwa ma setax ma kienx jaf li l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest <u>iridu jigu osservati skrupolozament</u>. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali dejjem ghamlu dan car hafna, u dejjem irritjenew, direttament jew indirettament, li n-non-osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet tammonta ghal sfida lill-istess amministrazzjoni tal-gustizzja. Mid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Frar 2008 – ara kopja a fol. 2 ta' l-atti – jirrizulta li l-appellant kien obbligat li ma johrogx mir-residenza tieghu hlief biex jiffirma l-ghassa u biex jidher il-qorti, u biex imur id-detox skond kif ordnat lilu ghal fini ta' kura mill-abbuz tad-droga. Kif tajjeb osserva l-Avukat Dott. Aaron Bugeja, fl-udjenza tal-5 ta' Settembru 2008, l-attitudini ta' l-appellant kif temergi mill-atti hija wahda ta' menefrigismu fi grad gholi. Ghalhekk anke dan it-tieni aggravju ser jigi respint.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi nserita mir-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali, fl-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spetturi Elton Taliana u Nikolai Sant) v. David Ellul Lanfranco" li tinsab differita ghat-2 ta' Ottubru 2008.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------